MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 197/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Herbert Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Talli f' Novembru 2009, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Maria Galea, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizzi tieghu:

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku,

dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b' taghkis jew bi hsara ta' Maria Galea;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, ikkommetta tali reat, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b' hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna ukoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti, giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat f'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' April, 2012 fejn wara li rat l-artikoli 138, 141, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' April, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu sabet l-esponent hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u liberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

(1) Illi ghalkemm instab hati ta' appropjazzjoni indebita filfatt ma kenux jissusistu l-elementi ta' dan ir-reat. F'dan ir-rigward jigi rilevat li l-esponenti hass ruhu partikolarment

aggravat mis-sejbien tal-Qorti li huwa kien nefaq il-flus ta' Maria Galea, u li l-istatement tal-kont minnu prodotta ma kenitx prova sufficjenti ta' l-ezistenza tal-flus.

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati taghlimna li r-reat ta' appropjazzjoni indebitu hija maghula: (a) mill-element materjali, ossia il-fatt li wiehed japplika ghal beneficju tieghu nnifsu jew ta' haddiehor il-flus moghtija lilu minn terz ghal skop partikolari. Kif spjegat din il-Qorti f'sentenza taghha tat-3 ta' Marzu, 1997 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Joseph Muscat': 'L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita ...[huwa]... l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta` ta' dan.'

(b) U Kif ukoll l-element formali, id-dolo. Kif gie spjegat fil-Maino, id-dolo "sara costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita` e dal fine di lucro... Il dolo speciale nel reato di appropiazione indebita è ... l' animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatt delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione."

Ghandu jirrizulta li fil-kaz odjern l-element partikolari kien ghal kollox nieqes mir-reat. Dana peress li jirrizulta li f'kull hin, il-flus moghtija lill-appellanti minn Maria Galea baqghu, f'isimha, fil-clients account li kellu.

Huwa minnu li l-appellanti haseb li dan il-flus ma kienx ghadu ezistenti fis-sens li ma kienx hemm bizzejjed biex jithallas it-taxxa dovuta fuq il-kuntratt. Izda filfatt il-flus kien u baqgha hemm mhux mittiefes fil-clients accounts.

F'dan ir-rigward l-esponenti hass ruhu aggravat mis-sejbien tal-Prim' Istanza li l-istatement ma kenitx prova sufficjenti in kwantu "ta' min kienu dawk il-flus u x'kienu jirraprezentaw ma giex pruvat." Bir-rispett kollu tali prova semai kienet tispetta lil prosekuzjoni. Hija n-natura ta' clients account adoperat ma bank li fl-istatement ma jkunx hemm indikazzjoni ta' min jappartjenu u dana anke ghaliex effettivament il-flus huwa moghti lin-nutar on trust.

L-imputat f'sitwazzjoni bhal din ghandhu juri biss li fil-kont li kellu a nom tal-klijenti, kien hemm bizzejjed fondi sabiex japplika l-flus lilu moghti mill-klijenti skond id-delega. Kien semai jispetta l-prosekuzjoni ggib prova li l-flus in kwistjoni kienu jappartjenu lil haddiehor u ma setghux jigi uzati ghan-nom ta' Galea.
Bir-rispett kollu x'haseb u ma hasibx l-imputat dwar il-kont tieghu huwa ghal kollox irrilevanti, ghaliex jirrizulta li filfatt il-flus ma kienx uzawhom. Baqghu fil-kont li kien juza` ghal klijenti, u ghalhekk baqghu f'isimha, kif irrizulta tul il-kawza.

Minghajr l-element partikolari ma jistax jissussisti r-reat; izda ghal kull buon fini ghandhu jigi ndikat li kien jonqos ukoll l-element tad-dolo. Kif xehed tul il-kawza l-appellant, huwa haseb li ma kienx hemm bizzejjed flus fil-clients account sabiex ikopri l-flus moghti lilu minn Galea. Minkejja dak dikjarat mill-Prim' Istanza l-appellanti qatt ma ddikjara li 'utilizza l-flus mghoddija lilu minn Galea ghal skopijiet ohra;' Iddikjara biss li kellu problemi ta' likwidita`. Ossia li haseb li kellu problemi ta' likwidita. Hsieb li rrizulta ghal kollox infondat meta ibnu gab kopja ta' l-istatement tal-kont.

Ghandu jirrizulta wkoll mix-xhieda li n-nutar Herbert Cassar kien inizjalment taht l-impressjoni li huwa kien hallas it-taxxa kollha dovuta minn Galea. Huwa sab li ma kienx hallas meta giet tkellem, u hemmhekk sorgiet id-dubbju kienx hemm flus bizzejjed u kienx ghamel xi zball. Kien dan l-istat mentali li waslu biex jittardja fl-adempiment ta' l-obbligi tieghu. Izda dan ma jammontax ghal-dolo; anzi jeskludi li huwa xjentement il-flus tal-klijenti tieghu ghal skopijiet ohra minn dawk intizi. Huwa sinifikanti f'dan il-kuntest li n-Nutar hallas finalment kollox u l-klijent tieghu ma soffra l-ebda pregudizzju u dina hija l-aqwa prova li ma kien hemm l-ebda malversazzjoni u misapproprazzjoni ta' flus.

Illi ghaldaqstant ma jezisti la l-element partikolari u wisq anqas id-dolo fil-kaz odjern u ghalhekk l-esponenti ghandhu jigi liberat mir-reat ta' approprazzjoni indebita.

(2) Illi in oltre l-esponenti hass ruhu aggravat ukoll mis-sejbien ta’ htija fiz-zewg akkuzi l-ohra u cioe talli naqqas li jaghmel lid-dmirijiet tieghu u talli ghamel reat li kien fid-dmir tieghu li jimpedixxi.

Illi t-tieni akkuza ma tirrizulta peress li ghalkemm huwa minnu li l-esponenti kien tardiv fl-adempiment ta’ l-obbligu tieghu huwa ghamlu, u meta ghamlu ha hsieb li hallas l-imghaxx zejjed kollu li kien dovut fuq it-taxxa minhabba t-tardività tieghu. Ghalhekk Galea u hutha ma soffrew minn l-ebda hsara mit-tardività ta’ l-appellanti ghaliex huwa rrimedja kollox.

Illi t-tielet akkuza hija konsegwenzjali ghal-ewwel tnejn u ghalhekk dina wkoll, fl-assenza taghhom, ma tissusistix.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-imputat huwa Nutar pubbliku.

Fis-sena 2006 Maria Galea kienet inkarigatu sabiex jippubblika dikjarazzjoni ta’ trasferiment *causa mortis* relattiva ghal proprjeta` illi Galea kienet wirtet minn ommha illi mietet f’Awissu 2004, liema proprjeta` kienet tinstab Marsaskala.

Wara li saru l-accertamenti necessarji Galea rrilaxxat “cheque” ta’ tlett elef u mitt Lira sabiex minnhom jithallsu l-ammonti dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ghadda z-zmien u la gie ppublikat l-att nutarili u lanqas gie msarraf ic-“cheque”. Peress illi kienet skadiet il-validita` ta’ dan ic-“cheque” inhareg “cheque” iehor intestat f’isem l-appellant bid-data ta’ 20 ta’ Settembru 2006, ghall-istess ammont ta’ tlett elef u mitt lira.

Fis-26 ta’ Settembru 2006 l-appellant iddepozita dan ic-“cheque” f’kont li kien f’isem ibnu Julian. L-appellant kellu prokura biex jopera dan il-kont u minnu kien ihallas il-bolol u pagamenti ohra dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni

dwar trasferimenti ta' proprjeta` kif ukoll dawk ta' trasferimenti *causa mortis*.

Ghadda z-zmien u l-att dikjaratorju u tat-trasferiment *causa mortis* baqa ma giex ippublikat. Dana sar fit-18 ta' Awissu 2008, pero` ma thallsitx it-taxxa relattiva u lanqas ma gie insinwat l-att.

Peress illi Maria Galea dehrilha illi l-appelant naqas mid-dmirijiet tieghu l-ewwel ma ghamlet marret ghand Avukat. Wara ftit taz-zmien, l-appellant insinwa l-att relattiv u hallas ukoll it-taxxa dovuta fis-16 ta' Novembru 2009, pero` Galea kienet lahqet diga` kienet ghamlet rapport lill-Pulizija illi pprocedew kontra l-appellant bil-kawza odjerna.

B'sentenza moghtija fil-11 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati izda lliberatu b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b'kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Qabel ma' l-Qorti tkompli tikkunsidra r-rikors tal-appell trid tiddisponi mir-rikors tal-appellant tas-16 ta' April 2012 li biha ghamel referenza kostituzzjonali dwar ksur tal-jeddijiet tieghu meta ma giex moghti lilu d-dritt illi jkun assistit fil-bidu ta' l-arrest tieghu.

Il-Qorti rat ukoll ir-risposta tal-Avukat Generali tat-23 ta' April, 2012 fejn issottometta illi c-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma ghal kollox differenti minn dawk li gew sollevati fil-kawzi kostituzzjonali li ghalihom saret referenza.

Ikkunsidrat :

Jidher illi huwa pacifiku illi meta l-appellant gie interrogat mill-Pulizija f'Ottubru 2009 ma giex moghti l-beneficcju tad-dritt illi jkun assistit qabel ma jigi jinterrogat mill-istess Pulizija. Dana l-ghaliex dak iz-zmien ma kienitx prassi illi l-Pulizija jaghtu dan id-dritt, li dahal ufficjalment fis-sehh fl-10 ta' Frar, 2010. Din il-Qorti pero` hija konxja ta' sentenzi li nghataw f'dan ir-rigward senjament « Il-Pulizija vs Alvin Privitera » u ohrajn u d-digriet ukoll ta' din il-Qorti tat-2 ta' Settembru 2011 fil-kawza fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Sergii

Nykytiuk fejn din il-Qorti ghamlitha cara illi l-assenza tal-Avukat tista` tfisser l-invalidita` tal-istqarrija.

Filwaqt illi huwa minnu illi l-Pulizija adoperat il-ligi kif kienet vigenti dak iz-zmien f'Ottubru 2009 u, fit-termini ta' dik il-ligi l-istqarrija hija wahda valida, il-Qorti ma tistax tinjora t-taghlim tal-Qorti Kostituzzjonali rigward din il-kwistjoni li ma thallix lok ghal interpretazzjoni.

Ladarba l-appellant ma giex moghti dan id-dritt, allura l-istqarrija hija invalida u din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha.

Ghalhekk biex tidderimi din il-kwistjoni, l-Qorti sejra tirrikorri ghax-xiehda guramentati li nghataw quddiem il-Qorti tal-Magistrati inkluz ix-xiehda ta' l-imputat stess.

Ikkunsidrat :

L-ewwel ma xhedet f'din il-kawza kienet il-parti civili Maria Galea, fejn dina kkonfermat illi fl-2006 kienu marru ghand in-Nutar appellant sabiex jipprepara d-dokumenti ghal trasferiment *causa mortis* ta' xi proprjeta` Wied il-Ghajn. Ikkonfermat illi kienet hallset b' »cheque » tlett elef u mitt lira u minhabba d-dewmien dan ic-« cheque » skada u harget « cheque » iehor. Dan ic-« cheque » pero` gie ddepozitat u madankollu l-pagamenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni xorta ma sarux. Ghadda aktar zmien u meta marret ticcekja mal-Kummissarju sabet illi l-appellant ma kien hallas l-ebda ammonti dovuti lill-istess Kummissarju, b'tali mod illi kienu se jirrikorru xi penali. Meta Galea infurmat lill-appellant b'dan l-izvilupp l-appellant qallha biex ma toqghodx tinkwieta l-ghaliex kien se jhallas kollox hu. Madankollu meta rat illi xorta ma sar xejn marret taghmel rapport lill-Pulizija.

Irrizulta illi l-kont illi fih gie ddepozitat ic-« cheque » ta' Maria Galea kien f'isem Julian Cassar, iben l-appellant. Dan il-kont igib in-numru tal-Bank of Valletta 40014163207 u Julian Cassar ammetta illi dan il-kont qieghed f'ismu, pero` missieru ghandu prokura biex jopera

dan il-kont u jaf illi juzah sabiex ihallas xi pagamenti inkonnessjoni max-xoghol tieghu.

L-imputat ammetta illi huwa juza dan il-kont bi prokura minn ghand ibnu, dana l-ghaliex kellu diversi sekwestri u sabiex ikun jista` jopera u jkompli jhallas il-kontijiet juza dan il-kont sabiex ix-xoghol ikun jista` jibqa` ghaddej.

Rigward din il-kwistjoni ta’ Maria Galea l-appellant jikkonferma illi dina avvicinatu fl-2006 sabiex jipprepara dokumenti ghal *causa mortis* ta’ proprjeta` f’Marsaskala.

Ikkonferma wkoll illi kien ircieva « cheque » ta’ tlett elef u mitt lira minn ghand Maria Galea sabiex bih ikun jista` jhallas il-kontijiet. Gara` pero` illi r-ricerki damu ma saru imhabba xi kwistjoni ta’ cens illi kien hemm fuq il-fondi u peress illi Galea ma pprovditux bl-informazzjoni kellu jaghmel kollox hu u ghalhekk ghadda z-zmien u t-terminu tac-« cheque » skada. Maria Galea taghtu « cheque » iehor liema « cheque » umbaghad gie depozitat f’kont ta’ ibnu Julian illi kien juzah bhala « clients account » biex jaghmel pagamenti lis-CIR u dipartimenti ohra dwar kuntratti illi l-appellant kien jippublika.

Fil-fatt l-appellant jghid « *ghandi l-flus kollha f’kont wiehed hemmhekk. Ikolli l-kontijiet ta’ haddiehor, bolol ta’ haddiehor u dak iz-zmien indunajt illi kont qieghed daqsxejn «short »........ »*
Kompla jghid kien ghalhekk illi huwa ma hallasx mal-ewwel il-kontijiet dovuti peress illi kien qed jistenna illi jdahhal xi flejjes ohra halli b’hekk ikun kopert u jkun jista` jhallas dak illi huwa dovut.

Irrealizza illi bid-dewmien kienu se jigu mposti xi imghaxijiet, pero` madankollu mal-ewwel offra illi jhallas dawn l-imghaxijiet huwa stess halli Maria Galea ma tigix pregudikata.

Illum is-sitwazzjoni hija sanata u fis-16 ta’ Novembru 2009 u cioe` sena qabel ma giet intavolata din il-kawza, l-appellant hallas it-taxxi kollha dovuti u insinwa l-att relattiv.

L-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi l-elementi ghar-reat ta' approprjazzjoni in debita ma jissustux u ma jistax jinghad illi l-appellant nefaq il-flus ta' Maria Galea ghall-skopijiet ohra milli dawk illi kienu intizi biex jintefqu.

Spjega illi ma jezistux l-elementi materjali tar-reat u lanqas l-element formali.

Qed jigi sottomess illi l-flejjes depozitati ghand l-appellant qatt ma daru « bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra ........ » kif jitlob id-dispost tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat :

Il-fatti ma jidhrux illi huma kontestati.  L-appellant inghata ammonti ta' flus sabiex ihallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jinsinwa l-atti wara kuntratt *causa mortis* illi kien ippublika.  Irrizulta illi l-appellant ghal xi zmien zamm dawn il-flus f'kont isem ibnu Julian liema kont kien qieghed iservi bhala « clients account » tal-istess appellant.

Veru illi l-appellant zamm il-flus f'dan il-kont ghal xi zmien u ttardja biex ghamel il-pagamenti tant illi inkorra xi penali, liema penali hallas huwa stess.

Illum n-Nutar salda l-kontijiet pendenti u ghal dak illi jirrigwarda dan it-trasferiment ma hemmx aktar hlasijiet x'jsiru.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti tirrileva illi jekk hemm xi censura f'dan l-operat huwa biss illi n-Nutar zamm ghandu ghal zmien aktar milli suppost xi flejes illi kienu fdati ghandu ghal skop partikolari.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-awtur Maino (Commento al Codice Penale Italiano Vol. IV para 1951 pg 103) fejn l-awtur jikkumenta dwar l-artikolu 417 tal-

Kodici Penali Taljan li huwa simili hafna kwazi kelma b'kelma ghall-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

Il-Maino jghid *"l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo."* Ikompli jghid *"la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo."* Maino jirriferi ghall-awtur Carrara *"la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita".*

Il-gurista Maino jkompli jghid *"al trove lo stesso autore( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ......."*

Fl-ghar ipotesi dana huwa proprju dak li ghamel l-appellant meta rrcieva l-flus u ecceda *"nel modo o nel tempo lo stesso uso per quale era la cosa era stata consegnata."* Igifieri l-agir tal-appellant setgha wassal biss ghal kwistjoni civili bejnu u bejn Maria Galea izda qatt ghal reat kriminali.
Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Dr. Siegfried Borg Cole" li kienet tittratta kwistjoni identika ma' dan in ezami w din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li "anke mad-daqqa t'ghajn hu evidenti li l-kwistjoni li kien hemm bejn .........kienet wahda ta' natura purament civili." (Ara wkoll "Il-Pulizija vs Pierre Falzon" Qorti tal-Appell Kriminali 30 ta' April, 2010).

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-element materjali tar-reat ma jissustix bhal ma lanqas jissustissi l-element intenzjonali w cioe' id-dolo.

F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid *"il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'............ il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall' inadempiento della obbligazione."*

Dan (*l'animo di lucro*) imkien ma rrizulta fl-operat tal-appellant.

Fl-ghar ipotesi kull ma jista' jinghad fil-konfront tal-appellant huwa li ttraskura li jaghti l-attenzjoni dovuta ghall-hlas tat-taxxa mill-fondi illi kienu fdati f'idejh minn Maria Galea. B'dan in-nuqqas l-appellant seta' kien passibbli ghal proceduri civili izda certament mhux dawk penali.
Hawnhekk il-Qorti tirrileva illi l-appellant tiga hallas ghal din it-traskuragni meta flimkien mal-bolla u t-taxxa kellu jhallas penali sforz l-interessi li akkumulaw bin-nuqqas tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa` l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati tal-11 ta' April, 2011 inkwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------